**10 ta' Mejju, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi LL.D.**

John Gauci

*versus*

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni *et*

## *Ne Bis In Idem* – *Res Judicata* – Proċeduri Penali Ripetuti

*Ir-rikorrent kien akkużat talli, bħala manager jew uffiċjal prinċipali ta' ażjenda, naqas milli jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali ta' l-impjegati. Kien illiberat minn din l-akkuża għax il-Qorti sabet li ma kienx uffiċjal prinċipali.*

*Fi proċeduri oħra kien illiberat ukoll minn akkuża oħra talli, fl-istess kwalità ta' uffiċjal prinċipali, naqas li jħallas pagi regolarment lill-impjegati, għax reġa' rriżulta li ma kienx uffiċjal prinċipali.*

*Meta reġa' kien akkużat talli, fl-istess kwalità ta' uffiċjal prinċipali, kiser disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-Income, huwa ppreżenta rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha għax allega li kienet qiegħda tinkiser il-garanzija li tagħtih il-Kostituzzjoni li ebda persuna ma għandha tgħaddi aktar minn darba proċeduri għall-istess reat Kriminali.*

*IL-Qorti kkonkludiet illi l-eċċezzjoni ta' res iudicata għandha tiġi mistħarrġa u deċiża mill-Qorti li quddiemha jinġieb l-akkużat u wara, jekk ikun il-każ, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.*

*Jekk dik il-Qorti (jew il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jekk ikun il-każ) tasal biex tilqa' dik l-eċċezzjoni, l-effett immedjat ikun li l-proċeduri kriminali ġa mibdija ma jkomplux jimxu.*

*B'dan il-mod, id-dritt sanċit taħt l-art. 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jkun vindikat. Dan id-dritt jista' jinkiser biss jekk, wara li tkun ingħatat sentenza finali li fiha jkun ġie ddikjarat li l-akkużat ġa għadda proċeduri kriminali għal dak l-istess reat quddiem qorti kompetenti, huwa jerġa' jiġi espost għal proċeduri kriminali oħra dwar dak l-istess reat li għalih huwa ġa ġie misjub ħati jew li minnu ġa ġie lliberat.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ppreżentat fid-9 ta' Marzu 1988, li bih John Gauci wara li ppremetta:

(1) Illi matul l-1981 huwa għamel perijodu qasir ta' żmien impjegat mal-kumpanija *Tunny Net Restaurants Ltd;*

(2) Illi appena l-kumpanija fuq imsemmija waqfet l-attività kummerċjali tagħha nbdew diversi proċeduri kriminali kontra d-Direttur u anki kontra tiegħu li kien sempliċi impjegat;

(3) Illi bis-sentenza tat-8 ta' Frar 1983 il-Qorti Kriminali

tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fil-kawża li d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali għamel kontra tiegħu, illiberatu minħabba, fost raġunijiet oħra, "li huwa ma kienx Uffiċjal Prinċipali" fis-sens tal-liġi imma sempliċi impjegat u meta ta l-ordnijiet *kienu kif ordnalu l-prinċipal tiegħu li kien ukoll* preżenti f'Malta";

(4) Illi s-sentenza fuq ċitata ġiet ukoll ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Jannar 1984 fejn ġie ddikjarat li mhux talli huwa ma kienx "qed jiġġestixxi t-*Tunny Net,* anzi pjuttost jirriżulta suffiċjentement li ma kienx!";

(5) Illi b'sentenza tat-8 ta' Lulju 1987 il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fil-kawża li d-Dipartiment tax-Xogħol u l-Emigrazzjoni għamel kontra tiegħu, huwa reġa' ġie lliberat mill-akkużi dedotti kontra tiegħu, anzi l-istess Qorti reġgħet iddikjarat li "Irriżulta illi l-imputat fl-1981 ma kienx "Prinċipal" fis-sens tal-Liġi imma sempliċi impjegat, u meta ta ordnijiet kienu kif ordnalu l-prinċipal tiegħu." Din is-sentenza hija waħda definittiva peress li d-Dipartiment ikkonċernat naqas li jappella mill-istess sentenza;

(6) Illi issa reġgħu ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra tiegħu, din id-darba mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, liema proċeduri qegħdin pendenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fejn huwa qiegħed jerġa' jiġi akkużat bħala l-"uffiċjal prinċipali" tat-*Tunny Net Restaurant* u għall-istess perijodu ta' l-1981 li kien akkużat fuqu fil-kawża l-oħra msemmija preċedentament u li minnhom ġie lliberat;

(7) Illi kemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, u ukoll l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika ġew mgħarrfa, permezz tar-rappreżentanti tagħhom rispettivi, bil-kawżi u bis-sentenzi fuq ċitati, iżda xorta ddeċidew li jkomplu bil-proċeduri kriminali kontra tiegħu;

(8) Illi bl-aġir tat-tliet konvenuti huwa qiegħed ibati danni morali peress li qiegħed jiġi soġġett għall-proċeduri kriminali, filwaqt li l-istess proċeduri qegħdin ikunu mezz ta' vjolazzjoni tal-garanzija kostituzzjonali tiegħu sanċit mill-artikolu 40(9) *recte 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan għas-segwenti raġunijiet:*

Illi huwa ġa ġie lliberat wara li għadda proċeduri sħaħ ta' natura kriminali istitwiti minn żewġ Dipartimenti tal-Gvern separatament u għaldaqstant huwa m'għandux jerġa' jgħaddi proċeduri għall-istess reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih seta' jiġi misjub ħati fi proċeduri għal dak ir-reat;

Barra minn hekk huwa m'għandux ikun issoġġettat għal proċeduri repetittivi minn Dipartiment wara Dipartiment;

Għaldaqstant l-istess John Gauci talab illi din il-Qorti jogħġobha:

(1) tiddikjara illi l-proċeduri kriminali magħmula kontra tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika jivvjolaw il-ġaranzija *kostituzzjonali tiegħu sanċiti fl-artikolu* 40(9) *recte* 39(9) tal-Kostituzzjoni; *(sic);*

(2) tordna illi huwa jitqiegħed fl-*istatus quo ante* li kien

fih qabel ma nbdew il-proċeduri penali fuq imsemmija kontra tiegħu;

63) tinibixxi lill-intimati sabiex bl-ebda mod ma jipproċedu kontra tiegħu;

(4) tagħti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni għall-każ odjern;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppreżentata fil-15 ta' Marzu 1988 li fiha qalu:

(1) Illi preliminarjament l-esponent joġġezzjonaw għal dak *li qal ir-rikorrent u ċjoè l-esponenti m'għandux ikun issoġġettat* għal proċeduri ripetittivi minn Dipartiment wara Dipartiment bit-tama li xi wieħed minnhom li forsi fl-aħħar jinstab ħati, u jitolbu l-isfilz tagħhom. Tant mhux hekk li skond l-anness *statement* John Gauci kkonferma li hu kien il-*Manager* tat-*Tunny Net Restaurant* u l-proċeduri ttieħdu wara li saru l-investigazzjonijiet ulterjuri opportuni;

(2) Illi l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Aġent Avukat Ġenerali tar-Repubblika ta' Malta ma għandhom xejn x'jaqsmu fil-każ billi l-proċeduri odjerni ttieħdu fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

(3) Illi t-talba tar-rikorrent hija intempestiva billi l-proċeduri kriminali qegħdin fi stadju ta' kumpilazzjoni u l-istess

lanjanza tista' eventwalment titressaq quddiem il-Qorti Kriminali u dina l-Onorabbli Qorti għandha għalhekk teżerċita s-setgħa lilha mogħtija fil-proviso għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

(4) *Illi fil-*mertu *tar-reati li tagħhom* qed *jiġi akkużat ir-*rikorrent huma a bażi ta' liġi u akkużi differenti soġġetti għal piena differenti minn dawk id-deċiżjonijiet ċitati u għalhekk l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* mhux sostenibbli. Infatti għalhekk ma jistax jingħad li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ġa 40(9) qed jiġi miksur. Jekk ir-rikorrent jidhirlu li jista' jissottometti din l-eċċezzjoni għandu jagħmel dan quddiem il-Qorti Kriminali opportuna;

5. Illi l-ebda danni morali ma jistgħu jingħataw f'dan il-każ għax il-Kostituzzjoni tagħti dan ir-rimedju f'każi eċċezzjonali bħal l-artikolu 34(4) biss;

6. Illi f'kull każ it-talbiet tar-rikorrent huma bla bażi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet lil Avukat Frank Cassar għar-rikorrent u l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Anthony Barbara u l-Avukat tar-Repubblika Dr Mark Said għall-intimati;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel talba kontenuta fir-rikors;

Illi r-rikorrent qiegħed jallega illi huwa ġa ġie lliberat darbtejn mill-akkuża għar-reat li tiegħu issa qiegħed jiġi mixli mill-ġdid. Huwa għalhekk jippretendi illi dawna l-proċedimenti

kriminali ta' l-aħħar imorru kontra dak li hemm maħsub fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Dana l-artikolu, fis-sub-artikolu (9), jgħid fost ħwejjeġ oħra, illi ebda persuna li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jekk mhux fil-kors ta' appell jew reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni;

Ir-rikorrent, in sostenn għat-teżi tiegħu, esebixxa kopji tas-sentenzi li ġejjin u ċjoè:

1. Sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fit-8 ta' Frar 1983, fl-ismijiet **''Il-Pulizija (Spettur Salvu Galea) *versus* John Gauci''**.

B'din is-sentenza r-rikorrent kien ġie lliberat mill-imputazzjoni talli ''bħala *Manager*/Uffiċjal Prinċipali tat-*Tunny Net Restaurant Ltd* naqas li jħallas 264 kontribuzzjonijiet f'isem l-impjegati tiegħu skond ''Skeda A'' għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 1981 sal-1 ta' Novembru, 1981 *(sic)*. Il-Qorti kienet ġiet ukoll mitluba li tordna lill-istess John Gauci jħallas is-somma ta' Lm1293.38,0 lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq il-formola P. 5 *(sic)*. Ir-reat kien wieħed li jissemma' fl-artikolu 8(5), (illum art. 14(5) Kap. 147) u 54(1) (illum art. 102(1) Kap. 147) ta' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurta Nazzjonali (Att Nru VI ta' l-1956) u fl-artikolu 323 (illum art. 309) tal-Kodiċi Kriminali;

Dina s-sentenza ġiet ikkonfermata b'oħra mogħtija fid-19

ta' Jannar 1984 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li kopja tagħha ukoll ġiet esibita mir-rikorrent f'dan il-proċess tallum;

2. Sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fit-8 ta' Lulju 1987, fil-kawża fl-ismijiet: – **"Il-Pulizija (D.L.E.) *versus* John Gauci bħala Prinċipal tat-*Tunny Net Restaurant*** *(sic);*

B'din is-sentenza r-rikorrent kien ġie lliberat mill-imputazzjoni talli "fil-kwalità tiegħu ta' Prinċipal tat-*Tunny Net Restaurant* fis-26 ta' Novembru 1981 u qabel din id-data, naqas li jħallas pagi regolarment lill-ex-impjegati tiegħu, Anthony Debono, Mario Gambin, Alfred Xuereb u Raymond Xuereb; u naqas ukoll li jħallas jew jara li jitħallasu ħamsa mill-istess impjegati għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 1981 sas-26 ta' Novembru, 1982; kien akkużat ukoll li naqas li jagħti vaganzi bi ħlas lill-istess impjegati;

Dina l-liberazzjoni saret wara li l-Qorti kkonstatat illi l-imputat fl-1981 ma kienx "prinċipal" fis-sens tal-liġi imma sempliċi impjegat, u meta ta ordnijiet kienu kif ordnalu l-prinċipal tiegħu;

Ikkunsidrat illi l-art. 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi kif ġej:

(9) ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew illiberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta'

qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonstanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skond il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika l-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skond *dik il-liġi dixxiplinarja;*

Ikkunsidrat:

Illi fit-tielet prosekuzzjoni li saret kontra l-istess John Gauci – dik li dwarha qiegħed isir l-ilment fir-rikors tiegħu tal-lum – huwa qiegħed jiġi mixli:

(i) bi ksur ta' l-artikolu 45 (illum art. (5) (1)(b) u (1)(ċ) ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u tar-regola 12(1) (a) tar-Regoli ta' l-1972 dwar Tnaqqis ta' Taxxa *(PAYE);* u

(ii) bi ksur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

Fil-kumparixxi jingħad illi Gauci kien qiegħed jiġi akkużat b'dawn ir-reati "fuq it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni". *Ovvjament dan intqal biex ikun jidher mal-ewwel illi d-*

disposizzjoni ta' l-artikolu 93 ta' dak l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* li tipprovdi, illi "ebda kawża dwar reat taħt (dan) l-Att ma tista' tibda ħlief fuq talba jew bis-sensja tal-Kummissarju", kienet qiegħda tiġi segwita;

Ikkunsidrat:

Illi l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* hija waħda li tiġi mistħarrġa u deċiża mill-qorti li quddiemha tkun ingħatat, u wara, jekk ikun il-każ, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; dana kollu joħroġ mill-ħafna *disposizzjonijiet li jikkontjeni l-Kodiċi Kriminali li* jikkonċernaw l-istess soġġett;

Jispetta għalhekk lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li quddiemha qiegħed jiġi imputat bir-reati msemmija l-istess John Gauci, li tara, fil-każ li hekk ikunu juru l-provi quddiemha, illi huwa ma jkomplix jiġi espost għal darb'oħra għal proċeduri kriminali inizjati kontra tiegħu għal dawk ir-reati, billi tiddikjara illi l-azzjoni kriminali ma tistax iżjed issir minħabba l-ostaklu tal-ġudikat u b'hekk tippronunzja ruħha faverevolment għat-teżi ta' l-imputat. Dana l-eżerċizzju jirrikjedi proċess ta' indaġini li neċessarjament irid isir quddiem dik il-Qorti fl-ewwel lok u quddiem ebda qorti oħra. Jekk dik il-Qorti tasal biex tilqa' din l-eċċezzjoni ta' l-imputat, l-effett immedjat tagħha jkun (salv każ ta' appell) illi l-proċeduri kriminali ġa mibdija kontra tiegħu ma jkomplux jimxu;

*B'dana il-mod id-dritt li l-imputat għandu taħt l-artikolu* 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jkun qiegħed jiġi vindikat;

Ikkunsidrat:

Illi l-indaġini fiha nnifisha ta' din ix-xorta ssir mill-Qorti li tkun qiegħda tistħarreġ dwar l-eċċezzjoni u dwar dawk il-punti *kollha ta' natura legali jew fattwali li jkunu involuti, sabiex jiġi* salvagwardat u mhux negat id-dritt li kull min ikun qiegħed jiffaċċja proċeduri kriminali għandu taħt il-provvediment imsemmi tal-Kostituzzjoni ta' *Malta*;

In-negazzjoni ta' dana d-dritt, għall-kuntrarju, tista' tissussiti biss jekk wara li tkun ġiet ippronunzjata sentenza finali li fiha jkun ġie ddikjarat li l-akkużat ġa għadda proċeduri kriminali għal dak l-istess reat quddiem qorti kompetenti, huwa jerġa' jiġi espost għal proċeduri oħra ta' din ix-xorta dwar dak l-istess reat li għalih huwa ġa ġie misjub ħati jew li minnu ġa ġie lliberat jew *għalih seta'* ġie *misjub* ħati jew li minnu ġa ġie misjub ħati taħt l-ewwel akkuża;

Kollox insomma jiddependi *mir-riżultat ta' l-indaġini* li ssir mill-qorti dwar il-punt jekk it-tieni akkuża tkunx skond il-liġi tikkonċerna jew le l-istess reat li għalih l-imputat ikun ġa ġie ġudikat jew li *għalih*, taħt l-ewwel akkuża, seta' *jiġi misjub ħati*. Indaġini ta' din ix-xorta, intiża sabiex ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' proċediment għal reat wieħed, ma tista' qatt, fil-fehma tal-Qorti, tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li quddiemha jinstabu l-imputazzjonijiet imsemmija proprju dik il-kwalità ta' indaġini hija mistennija li tagħmel u sejra tagħmel qabel biss ma tiġi biex tibda tidħol fil-mertu tal-kwistjoni jekk l-imputat Gauci huwiex ħati jew le għall-imputazzjonijiet tar-reati li sarulu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet kontenuti fl-imsemmi rikors ta' John Gauci, bl-ispejjeż kontra tiegħu.